



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16001/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0451(NLE)

POLCOM 285
SERVICES 53
COASI 211

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Diċembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 773 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika rigward il-fluss liberu ta' data

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 773 final.

Mehmuż: COM(2023) 773 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.12.2023
COM(2023) 773 final

2023/0451 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika rigward il-fluss liberu ta' data

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Bid-Deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2023, il-Kunsill approva direttivi ta' negozjati għall-Kummissjoni biex tinneogzja l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-flussi transfruntiera tad-data fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika¹.

Fl-24 ta' Ottubru 2022, l-UE u l-Ġappun nedew in-negozjati dwar il-flussi transfruntiera tad-data. In-negozjati ġew konklużi fil-prinċipju fit-28 ta' Ottubru 2023.

L-UE u l-Ġappun huma fost l-akbar ekonomiji diġitali fid-dinja. L-UE tfittex li taċċellera u tisfrutta l-benefiċċji ta' aktar diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u s-soċjetà globali. Il-governanza tad-data u l-flussi transfruntiera tad-data huma kruċjali għal dan l-iżvilupp.

Id-data hija vitali ta' ħafna negozji u komponent kritiku tal-mudelli tan-negozju u l-ktajjen tal-provvista f'ħafna setturi ekonomiċi. Dan il-ftehim iġib iċ-ċertezza legali tant meħtieġa li l-flussi tad-data bejn l-UE u l-Ġappun mhux se jiġu mxekkla minn miżuri ta' lokalizzazzjoni tad-data mhux ġustifikati, u jiżgura l-benefiċċju mill-fluss liberu tad-data b'fiduċja f'konformità sħiħa mar-regoli rispettivi tagħna dwar il-protezzjoni tad-data u l-ekonomija diġitali.

L-eżitu tan-negozjati jikkonferma l-impenn kontinwu tal-UE u tal-Ġappun għas-sistema kummerċjali internazzjonali bbażata fuq ir-regoli u d-determinazzjoni konġunta li jsawru r-regoli globali dwar il-fluss tad-data li jirrispettaw il-valuri kondiviżi u l-approċċi regolatorji rispettivi.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika

Billi taqbel dwar regoli li jindirizzaw ostakli mhux ġustifikati għall-flussi tad-data filwaqt li tippreserva l-awtonomija regolatorja fil-qasam tal-protezzjoni tad-data u l-privatezza, il-proposta tikkontribwixxi għall-objettivi kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni tat-18 ta' Frar 2021 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni².

• Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni

Ir-regoli nnegozjati dwar il-flussi transfruntiera tad-data mal-Ġappun jikkomplementaw l-arranġament ta' adegwatezza reċiproka eżistenti bejn l-UE u l-Ġappun għad-data personali³, u huma konformi mal-proposta konsolidata għal dispożizzjonijiet dwar il-flussi transfruntiera tad-data u l-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza fil-ftehimiet kummerċjali⁴ il-proposta ssegwi l-istrateġija tal-Kummissjoni stabbilita fir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali, l-Istrateġija tal-UE dwar id-Data, il-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-Istrateġija tal-UE għall-

¹ Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika (ĠU L 330, 27.12.2018, p. 3).

² Rieżami tal-Politika Kummerċjali – Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Asserttiva, COM(2021) 66 finali.

³ Il-Kummissjoni Ewropea tadotta deċiżjoni ta' adegwatezza dwar il-Ġappun, u b'hekk toħloq l-akbar erja ta' flussi ta' data sikuri fid-dinja (europa.eu); EUR-Lex - 32019D0419 - EN - EUR-Lex (europa.eu)

⁴ <https://ec.europa.eu/newsroom/just/items/627665>

Kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku⁵ u fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali ffirmata b'mod konġunt mill-UE u l-Ġappun⁶.

Fir-rieżami tal-Politika Kummerċjali, il-Kummissjoni impenjat ruħha li *“tkompli tindirizza l-ostakli mhux ġustifikati għall-flussi tad-data filwaqt li tippreserva l-awtonomija regolatorja tagħha fil-qasam tal-protezzjoni tad-data u l-privatezza”*. L-istrateġija tal-UE dwar id-Data⁷ tiddikjara: *“L-UE se tibqa' tindirizza dawn l-ostakli mhux ġustifikati għall-flussi tad-data waqt id-diskussjonijiet bilaterali u fil-fora internazzjonali – inkluż mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ – filwaqt li se tippromwovi u ttiproteġi r-regoli u l-istandards Ewropej tal-ipproċessar tad-data, bi qbil sħiħ mal-leġiżlazzjoni tal-UE”*. Il-flussi tad-data huma identifikati wkoll bħala element importanti tal-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku⁸.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika sostantiva hija pprovduta mill-Artikolu 207 tat-TFUE.

Il-Protokoll għall-Emenda se jiġi ffirmat mill-Unjoni wara deċiżjoni tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 218(5) tat-TFUE u se jiġi konkluż mill-Unjoni wara deċiżjoni tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 218(6) tat-TFUE, wara li jinkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.

• Is-sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)

Il-Protokoll għall-Emenda kif ippreżentat lill-Kunsill ma jkopri l-ebda kwistjoni li taqa' barra mill-kompetenza esklużiva tal-UE.

• Proporzjonalità

Il-ftehimiet kummerċjali huma l-mezzi xierqa biex jirregolaw l-aċċess għas-suq u l-oqsma relatati ta' relazzjonijiet ekonomiċi komprensivi ma' pajjiż terz barra mill-UE. Ma teżisti l-ebda alternattiva biex tali impenji u sforzi ta' liberalizzazzjoni jsiru legalment vinkolanti.

Din l-inizjattiva ssegwi direttament l-oġettiv tal-Unjoni fl-azzjoni esterna u tikkontribwixxi għall-prijorità politika tal-“UE bħala attur globali aktar b'saħħtu”. Hija f'konformità mal-orjentazzjonijiet tal-Istrateġija Globali tal-UE biex tikkoopera ma' atturi oħra u biex tagħti spinta lis-sħubijiet esterni tagħha b'mod responsabbli, sabiex jinkisbu l-prijoritajiet esterni tal-UE. Dan jikkontribwixxi għall-oġettivi tal-UE dwar il-kummerċ u l-iżvilupp.

• Għażla tal-istrument

Din il-proposta hija konformi mal-Artikolu 218(5) tat-TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjonijiet dwar l-iffirmar ta' ftehimiet internazzjonali. Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġettiv espress f'din il-proposta.

⁵ Komunikazzjoni Konġunta dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku JOIN (2021) 24 final

⁶ [Dikjarazzjoni konġunta dwar il-privatezza u l-protezzjoni ta' data personali | EEAS \(europa.eu\)](https://eeas.europa.eu/digital-affairs/digital-affairs_en)

⁷ IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Strateġija Ewropea għad-data, COM(2020) 66 final

⁸ Komunikazzjoni Konġunta dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku JOIN (2021) 24 final

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX-POST, IL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex-post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux rilevanti

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux rilevanti

- **L-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Ir-rakkomandazzjoni hija konsistenti mat-Trattati tal-UE u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, billi tressaq il-proposta konsolidata għal dispożizzjonijiet dwar il-flussi transfruntiera tad-data u l-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza fil-ftehimiet kummerċjali, il-Kummissjoni tfittex li tippreserva l-awtonomija regolatorja tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tad-data u l-privatezza.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Mhux rilevanti

5. ELEMENTI OĦRA

- **Il-pjanijiet għall-implimentazzjoni u l-arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rappurtar**

Mhux applikabbli

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni ddettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tikkonsisti minn 7 artikolu.

L-Artikolu 1 jikkonċerna l-emenda tal-werrej.

L-Artikolu 2 jikkonċerna prinċipalment iż-żieda tad-definizzjoni ta' "persuna koperta" li tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati.

L-Artikolu 3 jikkonċerna r-regoli għat-trasferiment transfruntier ta' informazzjoni b'mezzi elettroniċi bbażati fuq lista magħluqa ta' miżuri pprojbiti li jirrestrinġu l-fluss transfruntier ta' informazzjoni u eċċezzjonijiet rilevanti.

L-Artikolu 4 jikkonċerna l-protezzjoni tad-data personali. F'konformità mal-prattika tal-UE u mal-proposta konsolidata għal dispożizzjonijiet dwar il-flussi transfruntiera tad-data u l-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza fil-ftehimiet kummerċjali, hija tirrikonoxxi d-dritt ta' kull Parti li tiddetermina l-livell xieraq ta' privatezza u protezzjoni tad-data personali.

L-Artikolu 5 jipprevedi t-tħassir tad-dispożizzjoni dwar id-data finanzjarja.

L-Artikolu 6 jikkonċerna d-dħul fis-seħħ.

L-Artikolu 7 jikkonċerna l-lingwi awtentiċi li bihom huwa mfassal il-Protokoll.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika rigward il-fluss liberu ta' data

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fi [data tal-opinjoni],

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Lulju 2023, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinneogzja l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-flussi transfruntiera tad-data fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika ('il-Ftehim').
- (2) Fit-28 ta' Ottubru 2023, ġew konklużi n-negozjati tad-dispożizzjonijiet dwar il-flussi transfruntiera tad-data li għandhom jiġu inklużi fil-Ftehim.
- (3) Għalhekk, il-Protokoll li jemenda l-Ftehim jeħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika rigward il-fluss liberu ta' data ("il-Protokoll") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ għall-persuna(i) indikata min-negozjatur tal-Ftehim biex jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni, soġġett għan-negozjar tal-Protokoll.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President